**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 1 ta' Novembru, 2017

Rikors Nru : 325/17AL

**AB**
**Vs**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-partijiet kienu izzewgu fil-25 ta' Gunju, 1993 u dan skond ic-certifikat taz-zwieg hawn anness bin-Numru Progressiv **1119/1993 Dok.'A'.**

Illi minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal. .

Illi l-partijiet huma **legalment separati** bis-sahha ta' kuntratt tas-separazzjoni tad-9 ta' Gunju, 2006 li gie debitament redatt quddiem in-**Nutar Dottor Joseph Debono**: **Dok. 'B'**.

Illi m'hemmx possibilita ragjonevoli li l-kontendenti jergghu jirrikonciljaw tant li l-partijiet ilhom jghixu hajja **separati** w **indipendenti** minn xulxin tul dawn is-snin kollha.

Illi b'dawn il-fatti hawn imsemmija, jissudisfaw il-**kundizzjonijiet** kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skond l-**Artikolu 66B** tal-Kodici Civili, **Kap. 16** tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

a. **Tippronunzja** *il-hall* taz-zwieg bejn il-partijiet;

b. **Tordna** lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, *javza* d-**Direttur tar-Registru Pubbliku** bil-**hall** taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta;

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha infurmat lill-Qorti li qed taqbel bis-shih li jkun hemm id-divorzju kif mitlub mir-rikorrenti fir-rikors promotur;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-25 ta' Awwissu 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta' Gunju 2006;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.